**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Novembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 53/23AL

**A B C**

**vs.**

**D C**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 2104/1980)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*1. Illi l-partijiet iżżewwġu fit-23 t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tmenin (1980) fil-Gżira (ċertifikat taż-żwieġ Dok. A anness) u minn dan iż-żwieġ*

[1] Fol. 1.

*kellhom żewġt ulied bl-isem EC u FC li t-tnejn li huma għandhom aktar minn 23 sena;*

*2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' Kuntratt Pubbliku datat it-3 t'Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fl-atti tan-Nutar Dr. Robert John Muscat (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkat bħala Dok. B);*

*3. Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom, filwaqt illi ilhom żmien jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni 'l quddiem qatt ma reġgħu irrikonċiljaw;*

*4. Illi l-partijiet m'għandhomx pretensjonijiet kontra xulxin;*

*5. Illi l-partijiet irrinunzjaw għall-manteniment mingħand xulxin ai termini tal-klawsola numru 4 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;*

*6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. Illi qed jiġi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit ta' George Edward Spiteri (Dok. C);*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ikun jogħġobha:*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir- Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta tal-konvenuta[2] fejn eċċepiet illi:

*Illi t-talbiet kif promossi mill-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, u dan għas-segwenti raġunijiet u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri.*

*1. Illi ma huwa minnu xejn illi l-partijiet m'għandhom ebda pretensjoni kontra xulxin, b'dan li l-attur huwa debitur għal diversi ħlasijiet dovuti a benefiċċju tal-esponenti u ammontanti għal għexieren ta' eluf ta' Ewro, u dan a tenur tal-kuntratt ta' firda personali pubblikat min Nutar Dr Robert John Muscat nhar it-tlieta (3) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u sebgħa (2007), senjatament il-klawżoli G(2), First Portion (d) u Second Portion (c).*

*2. Illi tali debitu jikkostitwixxi ostakolu għall-ksib tal-ħall taż-żwieġ billi l-ħlasijiet imsemmija jinkwadraw ruħhom f' dak maħsub taħt l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Illi l-eċċipjenti saħansitra kienet kostretta tieħu passi ġudizzjarji biex tenforza l-jedd tagħha għall-ħlasijiet dovuti mill-attur, hekk kif tixhed l-annessa ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 5216/22.*

*4. Illi m'għandux jiġi konċess minn din l-Onorabbli Qorti li tippermetti lill-attur jipproċedi bit-talba tiegħu għall-ħall taż- żwieġ meta huwa dolożament naqas milli jonora u josserva l- obbligi finanzjarji minnu assunti favur l-eċċipjenti permezz tal- kuntratt ta' firda personali suriferit.*

*5. Illi l-eċċipjenti m'għandhiex tiġi akkollata b'ebda spejjeż ġudizzjarji relattivi għal din l-azzjoni billi l-attur naqas milli jinterpella lill-eċċipjenti b'mod preventiv qabel ma iddeċieda li jipproċedi b' din it-talba.*

*B' riżerva għall-eċċezzjonijiet oħra skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa sa minn issa nġunt in subizzjoni u b' riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjenti kontra l-attur inkluż fir-*

[2] Fol. 20.

*rigward tal-ġurament falz meħud fuq l-affidavit anness mar-rikors promotur.*

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv **2104/1980**;[3]

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;[4]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[5]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jissottometti illi l-partijiet iżżewwġu fit-23 ta' Ottubru 1980 u sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 3 ta' Awwissu 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat. Jgħid illi jissodisfaw il-kriterji kollha tal-Artikolu 66B tal-Kap 16, u għalhekk jitlob lill-Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Min-naħa l-oħra, l-konvenuta toġġezzjona għal dan għaliex tgħid li ma hux minnu li l-partijiet ma għandhomx pretensjonijiet kontra xulxin skont Artikolu 66B, b'dan li l-attur huwa debitur għal diversi ħlasijiet dovuti a benefiċċju tal-konvenuta *a tenur* ta' Klawżola G(2), First Portion (d) u Second Portion (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni u għalhekk dan jikkostitwixxi ostakolu għall-ksib tal-ħall taż-żwieġ.

2. **Il-Verżjoni tal-partijiet:**

---

[3] Fol. 3.
[4] Fol. 163.
[5] Fol. 173.

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-provi miġjuba minnu:*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit datat l-1 ta' Frar 2023[6] fejn jgħid li l-partijiet iżżewwġu fit-23 ta' Ottubru 1980 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied li llum huma maġġorenni. Jgħid li huma sseparaw b'kuntratt datat 3 ta' Awwissu 2007 u ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni u m'għandhomx pretensjonijiet kontra xulxin. Jgħid li fuq il-kuntratt ftehmu dwar rinunzja reċiproka għall-manteniment mingħand xulxin skont klawżola 4 u għalhekk dawn il-fatti jissodisfaw l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ksib tad-divorzju.

B'nota tal-25 ta' April 2024[7] imbagħad jintavola affidavit ieħor fejn jgħid illi wara li hu u l-konvenuta sseparaw, huma baqgħu f'relazzjoni tajba tant li baqa' jħallsilha numru ta' kontijiet bħal kontijiet tad-dawl, kontijiet ta' kumpaniji tat-telefonija, *berthing fees* tad-dagħjsa tagħha etc., u ta' dawn jippreżenta l-irċevuti. Jgħid li meta mbagħad saret taf li se jitlob id-divorzju qajmet il-kwistjoni tal-polza biex twaqqaf il-proċess u qed tgħid li ma ħallasx polza ta' assikurazzjoni li kienu qablu li titħallas minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni.
Jgħid li din il-polza bl-ebda mod ma saret bħala xi forma ta' manteniment u anzi huma kienu rrinunzjaw għall-manteniment. Jispjega li fil-fatt din il-polza kienet tgħajjat lill-konvenuta stess u l-ftehim fuq il-kuntratt kien li tagħmilha hi iżda li jħallas hu għal ħdax il-sena kif fil-fatt jgħid li għamel. Jgħid li dawn il-pagamenti imma saru b'diversi modi.

Isemmi li kien hemm istanzi fejn kiteb ċekk dirett lil MSV u ta' dawn jippreżenta d-dokumenti relattivi u li kien hemm istanzi fejn jgħid li taha il-pagamenti cash u li kellhom jagħmlu tajjeb għal dan l-obbligu u ta' dan ma għandu xejn bil-miktub. Jippreżenta numru ta' dokumenti li juru pagamenti li jagħmlu tajjeb għal dan l-obbligu għaliex jgħid li kellu relazzjoni tajba magħha u jistaqsi "*Allura nistaqsi x'inhi r-raġuni li nħallas dawk u ma nħallasx dak li jiena kont obbligat? Jekk mhux għax vera kont qed inħallashom u dan b'mod ieħor.*" Jgħid li saħansitra impjega lill-

[6] Fol. 15.
[7] Fol. 96.

konvenuta f'waħda mill-kumpaniji tiegħu mill-2017 sal-2023 u f'sitt snin qatt ma għamlet xogħol iżda kienet tieħu l-paga.

Jgħid li hu kien tal-fehma li din il-polza kienet qed tħallasha minn flejjes li kien qed jgħaddilha u qatt ma ġiegħlitu jaħseb mod ieħor fi ħmistax-il sena u hi qatt ma ġibditlu l-attenzjoni fuq dan. Jgħid li kien biss fl-2022, ħames (5) snin wara li waqaf l-obbligu skont il-kuntratt, li saret taf li se jitlob id-divorzju u qajmet il-kwistjoni u ppreżentat ittra uffiċjali. Jgħid li l-ħsieb qatt ma kien li l-polza kienet xi sostitut tal-manteniment u bil-flus li kien jagħtiha kellha tħallas il-polza u jekk ma għamlitx hekk kienet għażla tagħha u issa qed tippretendi li twaqqaf dawn il-proċeduri b'din l-iskuża u tippretendi li jerġa' jħallas il-polza.

Fis-seduta tal-25 ta' April 2024[8] jispjega li waqt in-negozjati għall-kuntratt ta' separazzjoni huma kienu ftehmu li l-polza li kellhom bejniethom jeħodha hu u li hi jkollha polza għaliha li jħallas għaliha hu. Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024[9] huwa jgħid li kull meta l-konvenuta talbitu jħallasha huwa taha l-flus iżda l-bqija kienet titolbu l-flus imbagħad kien obbligu tagħha x'tagħmel b'dawk il-flus.

_Il-verżjoni tal-Konvenuta u l-provi miġjuba minnha:_

Il-konvenuta tixhed permezz ta' affidavit preżentat permezz ta' nota tad-19 ta' April 2023[10] fejn tispjega illi apparti l-proprjetà li ħadet meta qasmu l-komunjoni tal-akkwisti, hija ftehmet li r-raġel kellu jħallsilha polza ta' assigurazzjoni mal-*Mapfre MiddleSea* bin-numru AP033514 u dan kien importanti għaliha peress li hi kienet ingħatat parir li mhux ser ikollha pensjoni tajba minħabba li kienet taħdem mal-kumpanija tar-raġel u ma kienux jitħallsu bolol. Tgħid li l-ftehim kien li l-attur ma jħallashiex manteniment fix-xahar u minflok iħallsilha din il-polza. Tgħid li saret taf li dan ma sarx u li qabeż bosta pagamenti u li naqas milli jħallas għexieren ta' eluf li kellhom jitħallsu minnu direttament lil insurance. Tgħid li suppost kellha rasha mistrieħa iżda kollox safa fix-xejn għaliex issa trid toqgħod tfittxu bil-Qorti għalihom biex jagħtiha dak li hu dritt tagħha.

[8] Fol. 154.
[9] Fol. 156.
[10] Fol. 27.

Tgħid li fl-istess ħin mhux sewwa li hu jitlob id-divorzju u jkompli għaddej b'ħajtu qisu xejn m'hu xejn u lilha ħalliha f'sitwazzjoni ddisprata.

Fil-kontro-eżami[11] hija tikkonferma li hi sid il-polza iżda li kull korrispondenza kienet tmur l-uffiċju bl-indirizz 50, Imsida Road, Gżira. Mistoqsija tgħid l-indirizz li kienet tat lil insurance kienx ta' l-uffiċju hija tgħid li ma tiftakarx. Tiġi murija *reminder notice* f'dak li hi tikkonferma li huwa l-indirizz tagħha u *ċioé* 164, Flat 15, Tower Road, Sliema. Tiċħad li qatt il-konvenut taha cash jew ċekk biex tħallas l-insurance u li din kienet titħallas mill-kumpanija. Tgħid li meta kienet tiltaqa' miegħu kienet tfakkru li jrid iħallas il-polza. Tgħid li ma rrinunzjatx għall-manteniment minħabba din il-polza. Fir-ri-eżami spjegat li għaliha l-polza kienet tfisser speċi ta' pensjoni peress li l-bolla qatt ma tħallset. Mistoqsija tgħid jekk wara li l-obbligu tal-attur li jħallas il-polza spiċċa, mill-2017 sal-2024 għamlitx xi pagamenti fuq il-polza, hija tgħid li taħseb li għamlet xi tnejn.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-konvenuta resqet is-segwenti provi:*

a. <u>*Ix-xhieda ta' GH in rappreżentanza ta' MSV Life fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2023*[12]</u> li tippreżenta kopja tal-polza li għandha n-numru AP033514 li hija fuq isem il-konvenuta u saret fit-3 ta' Settembru 2007. Din kienet polza ta' tfaddil u suppost kellu jsir pagament ta' €4,658 fis-sena imma l-unika pagamenti li saru kienu ta' €9,317.50. Il-bqija tal-pagamenti tispjega li bdew jittieħdu mill-valur tal-polza stess tul is-snin u b'hekk għalkemm ma kinitx qed titħallas, il-polza baqgħet attiva. Dawn il-pagamenti suppost kellhom isiru għal sbatax-il sena u minnhom tħallas biss il-*premium*. Tgħid li hi m'għandhiex record minn għamel il-pagament. Tispjega li għalkemm beda jittiekel mill-polza stess, il-polza xorta fiha valur imma ovjament mhux valur daqs kemm kieku saru l-pagamenti.

---

[11] Seduta tal-25 ta' April 2024 a fol. 117.

[12] Seduta tas-17 ta' Mejju 2023 a fol. 41.

Tispjega li l-valur tal-polza huwa ta’ €90,974.34 u li kieku saru l-pagamenti llum tiswa madwar €80,000 għax akkumulaw €11,000 bħala interessi li kienu jakkumulaw kull darba li jinqabeż pagament.

Fis-seduta tal-1 ta’ Ġunju 2023[13] hija tgħid li l-valur tal-polza llum huwa ta’ €19,718, kieku kellha titwaqqaf illum iżda kieku saru l-pagamenti li kellhom isiru kull sena, il-valur kien ikun ta’ madwar €77,600.  Tippreżenta prospett tal-pagamenti li saru u mill-liema Bank saru l-pagamenti.  Tikkonferma li s-sid tal-polza hija l-konvenuta u r-*reminders* tal-pagament kienu jintbagħtu lilha.

*Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Ladarba l-partijiet huma separati b’kuntratt, jibqa’ li jiġu sodisfatti l-kriterji li l-liġi tispeċifika rigward il-ksib tad-divorzju.

L-Artikolu 66A tal-Kap 16 jgħid kif ġej

*“(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.”*

Sabiex jingħata d-divorzju l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 66B iridu jiġu sodisfatti:

*“66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

[13] Fol. 75.

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu.*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġinli kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dakordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju lijoħorġu mil-liġi"*

Il-ligi tikkwalifika wkoll it-tielet ir-rekwiżit u *ċioé* dak tal-manteniment f'Artikolu 66 (D)(2) li jgħid hekk:

*"Fejn il-mizzewwgin ikunu diga' separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna mizzewwga li tkun qed taghmel it-talba ghad-divorzju tista' tressaq biss talba ghall-hall taz-zwieg. Il-parti l-ohra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iz-zmien mahsub fl-artikolu 66B (a) m'ghaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna mizzewwga illi talbet id-divorzju ma tkunx hallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-Qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm il-darba t-talba tad-divorzju tintlaqa', tkun aktar difficili ghall-istess parti l-ohra li tikseb il-hlas*

*tal-manteniment. Il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba ghad-divorzju kemm il-darba xi wahda minn dawn l-eccezzjonijiet jigu murija li huma tajba."*

Jirriżulta sodisfaċentement pprovat illi l-partijiet kienu żżewġu nhar it-23 ta' Ottubru 1980[14], u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li fil-mument tal-kuntratt ta' separazzjoni kienu diġà maġġorenni. Ġie stabbilit ukoll illi l-partijiet infirdu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr George Edward Spiteri fit-3 ta' Awwissu 2007.[15] Għaldaqsant l-ewwel rekwiżit li l-liġi tispeċifika fl-Artikolu 66B(a) ġie sodisfatt.

Il-Qorti tqis ukoll pruvat it-tieni rekwiżit u *ċioé* li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat però illi din it-talba għall-divorzju hija kkontestata mill-konvenuta minħabba li hi tgħid li għalkemm f'Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni hi u l-attur irrinunzjaw għad-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin, iżda ftehmu illi r-raġel iħallas għaliha polza ta' assigurazzjoni u li hu naqas milli jagħmel dan u li hi kienet aċċettat li ma jitħallasx manteniment u serrħet rasha b'din il-polza.

Artikolu 3 tal-Kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jgħid fl-Ewwel Porzjon (d) "*Life Insurance for the wife, which shall be paid by the husband up to a premium of two thousand maltese liri (Lm2,000), equivalent to four thourand and six hundred and fifty eight Euros and seventy five cents (4,658.75) per year for a period of eleven (11) years from the signing of this deed."*

Il-Qorti għalhekk trid tagħrbel is-sitwazzjoni u tiddeċiedi jekk il-fatt li l-attur allegatament ma ħallasx din il-polza jinkwadrax taħt kundizzjoni li trid il-liġi dwar il-manteniment u għalhekk jekk dan il-fatt waħdu hux biżżejjed biex ma jingħatax id-divorzju għaliex l-Artikolu 66B(ċ) ma jkunx sodisfatt. Konsiderazzjonijiet oħra huma rrelevanti f'dan l-istadju.

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta tgħid li min-naħa tagħha aċċettat li ma tingħatax manteniment għaliex serrħet rasha bil-polza li kellha titħallas

[14] Ċerifikat taż-żwieġ a fol. 3.
[15] Kopja tal-kuntratt a fol. 4.

minn żewġha. Fl-istess ħin fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti tgħid li hija rrinunzjat għall-manteniment għaliex ġara inċident fejn l-attur kien vjolenti magħha u għalhekk ma riditx ikollha iktar x'taqsam miegħu.

Il-Qorti tħoss li hawn il-konvenuta qed tipprova ġġebbed il-fatti sabiex tieħu dak li trid. Il-Qorti ma tħossx illi dan li xehdet għandu mill-verità meta jirriżulta li l-partijiet baqgħu *on good terms* wara li sseparaw u r-raġel ħallas diversi kontijiet u affarijiet oħra lilha u saħansitra impjegaha ma' waħda mill-kumpaniji tiegħu. Jiġifieri biex ikollha x'taqsam miegħu dwar manteniment hija ma riditx iżda biex tkun impjegata miegħu hija ma sabitx diffikultà. Jidher biċ-ċar illi l-konvenuta għal xi raġuni ma tridx li l-attur ikompli b'ħajtu u dan joħroġ ċar anke minn kumment li hija għaddiet fl-aħħar tal-affidavit tagħha fejn tgħid *"Fl-istess ħin mhux sew li huwa jitlob għad-divorzju u jkompli ħajtu qisu xejn mhu xejn u lili ħallieni f'din is-sitwazzjoni ddisprata."*

Dan iwassal lill-Qorti għal punt dwar l-iskop ta' din il-klawżola fl-isfond tal-għoti tad-divorzju. L-iskop ta' din il-klawżola kien speċifikatament biex il-Qorti sserraħ rasha li l-manteniment stipulat b'sentenza jew b'kuntratt qiegħed jiġi mħallas. Kif jiġi kkwotat mill-konvenuta stess dwar dak li ġie diskuss mill-Kamra tad-Deputati tul il-promalgazzjoni ta' din il-liġi wieħed jara illi l-ħsieb kien li jiġi assigurat illi dawk li jkunu f'separazzjoni jew divorzju ma jkunux f'riskju ta' faqar. Issa jekk wieħed iħares ftit lejn il-kuntratt ta' separazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi wieħed ma jistax jinħeba wara subgħajh u jpinġi din bħala sitwazzjoni ta' faqar li kjarament ma hux il-każ.

Il-liġi hija speċifika dwar il-"manteniment" u mhux dwar pendenzi fuq assi oħra. Li kieku l-leġiżlatur ried illi kull pendenża finanzjarja li temani mis-separazzjoni għandha twaqqaf l-għoti tad-divorzju kieku ma kienx jiġi speċifikat il-"manteniment". Kif tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. SFS bħala mandatarju speċjali ta' SP Vs RM**[16] "*Il-funzjoni tal-Qorti hija dik li tinterpreta u tapplika l-ligi promulgata mill-Parlament, u f'dan il-kaz il-ligi espressament tipprovdi illi d-divorzju ma jinghatax biss, jekk, inter alia, ikun hemm pendenzi relatati ma' manteniment bejn il-partijiet u t-tfal."*

---

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' April 2019 (Rik. Ġur. Nru. 560/2018 JPG)

Il-mistoqsija li ssegwi mbagħad hija jekk din il-polza tistax titqiesx bħala forma ta' manteniment. Il-konvenuta tgħid li hija serrħet rasha b'din il-polza għaliex hi ma kinitx ser tirċievi pensjoni ogħlja. Hija rrinunzjat għall-manteniment. Il-manteniment min-natura tiegħu jingħata biex dak li jkun jista' jgħix il-ħajja ta' kuljum u jingħata bħala prassi kull xahar għaliex għandu jgħin biex dak li jkun iħallas l-affarijiet bażiċi ta' kuljum. Dan il-jedd il-konvenuta rrinunzjatu. Il-Konvenuta tista' tgħid li rċeviet assi oħra bħal proprjetà li jpattu għal fatt li rrinunzjat għall-manteniment imma allura dan ser iwaqqaf lill-Qorti milli tippronunzja l-ħall taż-żwieġ jekk fuq dawn l-assi jkun hemm kwistjoni? Il-Qorti tara li jekk dan huwa l-każ allura l-assenjazzjoni sħiħa kellha tiġi msemmija f'dan l-Artikolu u jekk hemm kwistjonijiet fuq kwalunkwe ass fl-assenjazzjoni dan għandu jwaqqaf milli jingħata d-divorzju. Dan kjarament ma kienx il-ħsieb tal-leġiżlatur.

Anzi l-leġiżlatur imur oltre meta jsemmi fl-Artikolu 66 (D)(2) li parti tista' tikkontesta d-divorzju "*billi tipprova illi l-persuna mizzewwga illi talbet id-divorzju ma tkunx hallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-Qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni* ***u li kemm il-darba t-talba tad-divorzju tintlaqa', tkun aktar difficili ghall-istess parti l-ohra li tikseb il-hlas tal-manteniment."*** Jiġifieri anke jekk għas-saħħa tal-argument din il-polza għandha titqies bħala forma ta' manteniment (li ma tirriżultax hekk mill-provi) wieħed irid **ukoll** jipprova illi bl-għoti tad-divorzju ser ikun iktar diffiċli għall-ist.ess parti l-oħra biex tikseb tali ħlas ta' manteniment. Jidher li l-konvenuta kif jgħid l-attur u ssemmi l-konvenuta stess fl-affidavit tagħha, diġà qed tieħu l-passi neċessarji kontra l-attur dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' din il-polza u jingħata jew ma jingħatax id-divorzju ma hux ser jaffetwa xejn lil dawn il-proċeduri.

Il-Qorti ma tistax titpoġġa f'sitwazzjoni fejn id-divorzju jkun qed jiġi oppost biss b'pika u għalhekk il-leġiżlatur filwaqt li ħaseb li jipproteġi l-parti li qed tirċievi l-manteniment imma daqsekk ieħor poġġa fuq dik l-istess parti obbligi oħra ta' prova, liema prova ma ġietx hawn sofisfaċjentement pruvata.

Il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni jekk din il-polza fir-realtà hix qed titħallas b'xi mod jew ieħor mill-attur għaliex ladarba l-Qorti kkonkludiet illi din mhix kwistjoni li taqa' taħt l-Artikolu 66B mela allura l-kwistjoni tibqa' waħda ta' enforzar tal-kuntratt li ma tirrigwardax il-kawża odjerna.

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta huma kollha nfondati, u li l-attur irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex ż-żwieġ jiġi maħlul.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuta.